~~*raġel jaqbad l-għajxien;*~~
~~*elf darba rajtu*~~
~~*Xlendi,*~~
~~*joħroġ bid-dgħajsa żgħira f'nofs il-baħar . . .*~~
~~*Int taf sew lili wkoll, bejta ta' qalbi;*~~
~~*smajtni ngħannilek l-għanja ġdida tiegħi.*~~

~~16.ix.70~~ ~~GEORGE MERCIECA~~

## STRAJK! AĦNA MHUX HUMA!

*Illum strajk!*
*Nieqfu mix-xogħol!*
*Nuruhom min aħna!*

*Waqfu.*
*Meddew il-għodda.*
*Il-kenn ta' djarhom insew:*
*Miġbura għall-wens barra għall-qiegħa.*
*Iħarsu biċ-ċiera lejn mnejn ħarġu,*
*Il-ħbieb fis ilkoll sefgħu għedewwa:*
*Aħna mhux Huma.*

*Sabru l-jiem u ljieli sħaħ.*
*Weqfin, l-arloġġ kollha nsew.*
*Bired id-demm;*
*ħraxet il-qalb:*
*Aħna mhux Huma.*

*Dawk min huma? X'ġara?*
*Xejn! Xejn! Xejn ħlief strajk.*

*Tħarisx lejhom: ħallihom.*
*Qishom mhumiex hemm: imxi.*

*Il-jiem karkru . . .*
*Kemm għandhom x'jagħmlu n-nies!*
*Twil il-lejl . . .*
*In-nies fid-djar imrekkna . . .*

*Aħna mhux Huma!*

14.vii.1970 ANTON AGIUS MUSCAT